IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.3.2019
COM(2019) 126 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW U LILL-KUNSILL

Rapport ta' progress dwar l-Implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni

MT

MT

I. INTRODUZZJONI

Matul l-aħħar erba' snin sar sforz bla preċedent mill-UE biex tindirizza l-isfida tal-migrazzjoni, li kien ta' kontribut biex il-wasliet irregolari niżlu għal-lanqas livell tagħhom f'ħames (5) snin. L-UE offriet protezzjoni u sostenn lil miljuni ta' persuni, ġew salvat l-ħajjiet fuq il-baħar u ttejbu l-kundizzjonijiet tal-ħajja, u tal-impjiegi. Hija tat sostenn lill-Istati Membri fil-fruntiera esterna fl-ipproċessar ta' għadd kbir ta' wasliet u ffinanzjat għadd kbir ta' proġetti madwar l-UE biex issostni l-integrazzjoni tar-rifuġjati u ta' migranti oħra, ċittadini ta' pajjiżi terzi, legalment resident. Hija kienet ta' kontribut għall-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari, inkluż bil-ġlieda kontra n-netwerks tat-traffikanti, kif ukoll fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin. Ħadmet ma' sħab madwar id-dinja kollha biex jiġu indirizzati l-kawżi fl-għeruq u sabiex tmexxi 'il quddiem il-ġestjoni ta' migrazzjoni ordnata, inkluż bir-riamissjoni ta' migranti li jkunu jinsabu joqogħdu fl-UE b'mod irregolari. Ħadmet fl-iżvilupp ta' perkorsi legali bħala alternattivi għall-perkorsi perikolużi tar-rotot tat-traffikar. F'dan ir-rigward, komplew jiġi segwiti l-linji kollha tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni[1] tal-2015 bħala parti minn approċ komprensiv.

Progress kruċjali li sar fejn tidħol l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni

- Fl-2018, ġew skoperti madwar 150 000 wasla irregolari madwar il-fruntieri esterni tal-UE, li huwa tnaqqis ta' 25% meta mqabbel mal-2017. Din kienet l-aktar ċifra baxxa f'ħames snin, u aktar minn 90% anqas mis-sena fejn kien hemm quċċata fil-wasliet waqt il-kriżi migratorja tal-2015.
- L-azzjoni tal-UE kienet ta' kontribut biex ikun hemm kważi 730 000 każ ta' persuni salvati mill-għarqa sa mill-2015 lil hawn.
- Miljuni ta' persuni li qegħdin ifittxu ażil, refuġjati u persuni spostjati bbenefikaw minn programmi ffinanzjati mill-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE għall-Afrika[2] – b'aktar minn 5,3 miljun persuna vulnerabbli li gawdiet minn sostenn bażiku, kważi miljun persuna ntlaħqu minn kampanji ta' komunikazzjoni, u aktar minn 60 000 ingħataw għajnuna biex jirreintegraw ruħhom wara li jirritornaw pajjiżhom.
- Minn mindu beda joperaw fl-2017, il-Fond Fiduċjarju għall-Afrika kien ukoll kruċjali għar-ritorn umanitarju volontarju ta' aktar minn 37 000 migrant vulnerabbli mil-Libja lejn il-pajjiżi tagħhom ta' oriġini.
- Saret azzjoni mmirata lejn in-netwerks kriminali ta' traffikar tal-migranti: fl-2018 biss, iċ-Ċentru Ewropew kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti kellu rwol ċentrali f'aktar minn mitt każ ta' traffikar ta' prijorità għolja. Hemm Skwadri tal-Investigazzjoni Konġunti li qegħdin jaħdmu kontra t-traffikar f'pajjiżi bħan-Niġer.
- 34 710 persuna bil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali ġew rilokati mill-Italja lejn il-Greċja.
- Sa mill-2015, aktar minn 50 000 ruħ fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali ġew risistemati lejn l-UE.
- Ingħataw aktar minn EUR 140 miljun skont il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni f'sostenn għal miżuri ta' integrazzjoni u ta' migrazzjoni legali bejn l-2015 u l-2017[3].
- Issa jeżistu ftehimiet formali ta' riammissjoni jew arranġamenti prattiċi dwar ir-ritorn u r-

[1] COM(2015) 240 finali tat-13.5.2015.
[2] Barra minn sostenn skont programmi ta' żvilupp eżistenti tal-UE.
[3] L-Istati Membri bħalissa qegħdin jippreżentaw ir-rapporti ta' implimentazzjoni tagħhom li jkopru azzjonijiet meħuda fl-2018. Ħafna rifuġjati u migranti legali gawdew ukoll minn programmi ta' integrazzjoni skont il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.

riammissjoni ma’ 23 pajjiżi ta’ oriġini u tranżitu.
- B’mod parallel, aktar minn 80% tal-għajnuna umanitarja mill-UE fl-2018 kienet issostni l-bżonnijiet ta’ persuni spostjati bil-forza[4].

Din il-ħidma trid tkompli. Il-fatt li l-għadd ta’ wasliet irregolari tnaqqas mhux garanzija għall-futur, meta jitqies li huwa probabbli li l-pressjoni migratorja tkompli. Ma jistax jonqos li l-indirizzar tal-kawżi fl-għeruq tal-migrazzjoni irregolari huwa proġett għat-tul, filwaqt li ż-żieda riċenti fil-wasliet irregolari fil-Mediterran tal-Punent tindika li s-sitwazzjoni għada waħda fluwida u li t-traffikanti l-ħin kollu jfittxu opportunitajiet ġodda. Għad hemm ċerti problemi kruċjali li għadhom mhux solvuti: hemm bżonn niżviluppaw sistema tal-ażil li sservi l-iskop tagħha u li tiżgura s-solidarjetà u tnaqqas il-movimenti sekondarji; hemm bżonn li jkun hemm aktar ritorni permezz ta’ miżuri kemm fl-Istati Membri kif ukoll ma’ pajjiżi terzi; hemm bżonn li nkunu mħejjija aħjar fil-fruntiera esterna tagħna; li niġġieldu kontra strateġiji ġodda mit-traffikanti; u li nkomplu nseddqu perkorsi bla perikli, ordnati u legali għall-persuni li jkollhom bżonn ta’ protezzjoni internazzjonali u għall-migranti legali. Il-ġestjoni tal-migrazzjoni teħtieġ sforz sostnut, għat-tul u magħqud mill-UE, ibbażat fuq il-prinċipji tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà. Huwa essenzjali li jinżamm ir-ritmu li qbadna li nimxu lil hinn minn soluzzjonijiet *ad hoc* lejn strutturi sostenibbli u qafas legali effettiv u sostenibbli anki fil-futur. Dawn l-objettivi jistgħu jintlaħqu fuq is-sisien ta’ erba’ snin ta’ ħidma konġunta[5].

Meta l-UE u l-Istati Membri aġixxew għalenija, l-approfondiment tal-kooperazzjoni ma’ pajjiżi sħab ta’ importanza kruċjali bħal ma huma t-Turkija u n-Niġer wassal għal tnaqqis sostanzjali tal-wasliet irregolari. L-azzjoni konġunta wasslet għal riżultati fil-ħidma kontra t-traffikar tal-migranti, fis-sejba ta’ perkorsi legali alternattivi u fil-konklużjoni ta’ sitt arranġamenti ġodda dwar ir-riammissjoni ma’ pajjiżi ta’ oriġini kruċjali. Il-kooperazzjoni mal-Afrika u mal-Unjoni Afrikana laħqet livelli ġodda.

Dawn l-inizjattivi kollha diġà qegħdin jipproduċu r-riżultati u għandhom il-potenzjal li jkomplu jagħmlu dan. Huwa essenzjali li jitkompla l-approċċ komprensiv stabbilit bl-erba’ pilastri tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni u li jiġi stabbilit qafas permanenti.

II. IS-SITWAZZJONI LLUM

Wasliet irregolari

Is-sitwazzjoni llum tindika tnaqqis maġġuri kontinwu mill-quċċata tal-wasliet irregolari li kienet intlaqħet fl-2015[6]. Madankollu, ċerti xejriet komplew fl-2018 u kmieni fl-2019, u jindikaw il-ħtieġa ta’ azzjoni sostnuta, kif ukoll kapaċità ta’ reazzjoni quddiem ċirkostanzi li qegħdin jinbidlu.

[4] Persuni spostjati bil-forza jinkludu refuġjati u persuni spostjati internament. Jingħata wkoll sostenn lill-komunitajiet li jospitawhom. L-għajnuna umanitarja mill-UE tingħata skont il-prinċipji umanitarji tal-umanità, in-newtralità, l-imparzjalità u l-indipendenza.

[5] Din il-ħidma tinkludi sostenn finanzjarju ta’ EUR 13-il biljun direttament mill-baġit tal-UE biss, kif ukoll azzjoni skont il-Fondi Fiduċjarji tal-UE u l-Faċilità għar-Rifuġjati fit-Turkija.

[6] Iċ-ċifri kollha mingħand l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor.

Il-qsim irregolari tal-fruntiera matul it-tliet rotot ewlenin



- Matul ir-rotta tal-*Mediterran tal-Punent/tal-Atlantiku*, il-wasliet żdiedu s-sena l-oħra u għadhom f'livelli għolja. L-għadd totali ta' wasliet fi Spanja fl-2018 (kważi 65 000 persuna) kien 131% ogħla milli fl-2017, u din ix-xejra kompliet fl-2019[7]. Bħala nazzjonalità, il-Marokkini kienu l-akbar grupp li waslu fi Spanja fl-2018 (wieħed minn ħamsa tal-qasmiet kollha), u warajhom ġew ċittadini minn pajjiżi tal-Afrika tal-Punent – il-Guinea, il-Mali, il-Kosta tal-Avorju u l-Gambja – kif ukoll mill-Alġerija.

- Fil-*Mediterran Ċentrali*, il-wasliet irregolari baqgħu baxxi. Kollox ma' kollox, matul l-2018 kien hemm tnaqqis ta' 80% fil-wasliet irregolari lejn l-Italja, mqabbel mal-2017, u din ix-xejra baqgħet għaddejja fl-2019 biex issa niżlet għal-livelli ta' qabel il-kriżi. Għalkemm il-Libja għadha tgħodd għal aktar minn nofs l-għadd ta' tluq fl-2018, il-Gwardja tal-Kosta Libjana għadha tinterċetta jew issalva għadd kbir ta' persuni fil-baħar – madwar 15 000 fl-2018, bin-nazzjonalitajiet ewlenin ikunu Sudaniżi (14%), Niġerjani (12%) u Eritrej (12 %)[8]. It-Tuniżija qiegħda ssir dejjem aktar sinifikanti bħala pajjiż tat-tluq (l-aktar ta' Tuneżini) lejn l-Italja, u fit-tieni nofs tal-2018 f'Malta wkoll kien hemm żieda fil-wasliet.

- Fil-*Mediterran tal-Lvant*, l-għadd żdied matul l-2018, u l-wasliet fil-Greċja fl-2019 issa huma aktar minn 30% iżjed minn dawk ta' sena ilu. Din ix-xejra tixħet pressjoni kontinwa fuq il-Gżejjer tal-Eġew, iżda anki fuq il-fruntiera fuq l-art bejn il-Greċja u t-Turkija, peress li hemm ftit wisq ritorni lejn it-Turkija biex din il-pressjoni tkun tista' tittaffa u biex jiġi miġġieled il-mudell ta' negozju tat-traffikanti[9]. L-Afgani huma n-

[7] Ċifri mingħand l-awtoritajiet Spanjoli.
[8] *Data* mill-Aġenzija tar-Rifuġjati tan-NU (UNHCR).
[9] Sa mill-21 ta' Marzu 2016, 1 836 migranti ġew irritornati mill-Greċja lejn it-Turkija skont id-Dikjarazzjoni bejn l-UE u t-Turkija u 601 skont il-protokoll bilaterali bejn il-Greċja u t-Turkija.

nazzjonalità l-aktar sinifikanti li waslu fil-gżejjer fl-2018 u fl-2019 sa issa, filwaqt li ċ-ċittadini Torok bħala nazzjonalità kienu li l-aktar daħlu fl-UE mill-fruntiera fuq l-art. Kien hemm ukoll żieda fil-wasliet f'Ċipru, kemm permezz tal-baħar kif ukoll wara qsim tal-fruntiera fuq l-art lejn iż-żoni kkontrollati mill-gvern f'Ċipru.

Fl-2018 kien hemm ukoll żidiet sinifikanti fil-movimenti irregolari fil-*Balkani tal-Punent*, anki jekk in-numri naqsu aktar tard matul is-sena hekk kif bdiet ix-xitwa. Fl-2018 kien hemm għadd ta' wasliet irregolari erba' darbiet ogħla milli fl-2017, bir-rotta ewlenija fir-reġjun tkun dik mis-Serbja lejn il-Bożnja u Ħerżegovina. Fil-Bożnja u Ħerżegovina kien hemm madwar 24 000 wasla irregolari fl-2018 u kien hemm madwar 5 000 migrant fil-pajjiż fi tmiem is-sena. Madankollu, l-intensità tal-wasliet matul ir-rotta fil-fatt naqset wara li s-Serbja aboliet l-ivvjaġġar bla viża għaċ-ċittadini Iranjani fis-17 ta' Ottubru 2018. Bħalissa qiegħda taħt osservazzjoni ż-żieda fil-wasliet ta' ċittadini Indjani, minħabba l-politika ta' vvjaġġar mingħajr viża tas-Serbja.

Filwaqt li, bis-saħħa tal-isforzi tal-UE, tal-Istati Membri u ta' sħab oħra, l-għadd ta' mwiet fil-Mediterran kompla jonqos mill-2016 lil hawn, il-mudelli ta' negozji tat-traffikanti għadhom iwasslu biex, bil-qsim bil-baħar, jintilfu l-ħajjiet. Fl-2018 mietu madwar 2 300, imqabbel ma' aktar minn 3 100 fl-2017 u aktar minn 220 persuna mietu sa issa fl-2019[10].

Ażil

Fl-2018 kien hemm madwar 634 700 applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li ġew ippreżentati fl-UE u fil-pajjiżi assoċjati ma' Schengen. Dan huwa 10% anqas minn fl-2017 u jfisser li n-numri reġgħu niżlu għal livelli simili għal dawk tal-2014[11]. Il-pajjiżi li l-aktar irċevew persuni fl-2018 kienu l-Ġermanja, Franza, il-Greċja, l-Italja u Spanja (72% tal-applikazzjonijiet kollha fl-UE u l-pajjiżi assoċjati ma' Schengen)[12]. Bħal fl-2017, il-pajjiżi ewlenin ta' oriġini kienu s-Sirja, l-Afganistan u l-Iraq. Kien hemm ukoll żieda konsiderevoli fl-applikazzjonijiet ta' migranti minn pajjiżi eżenti minn viża ta' Schengen, b'mod partikolari l-Venezwela, il-Georgia u l-Kolombja.

Fl-2018, kien hemm aktar minn 400 000 hit f'entrati ta' marki tas-swaba għal persuni li jkunu mxew lejn it-territorju ta' Stat Membru ieħor kontra r-rekords tal-marki tas-swaba maħżuna fil-bażi ta' *data* tal-Eurodac[13]. Franza u l-Ġermanja kienu ż-żewġ Stati Membri bl-akbar numru ta' hits (li jindika li dawk huma l-pajjiżi ewlenin ta' destinazzjoni wara movimenti sekondarji), bl-Italja u l-Greċja jkunu ż-żewġ Stati Membri fejn kien hemm l-akbar għadd ta' entrati eżistenti (li jindika li dawn huma l-pajjiżi ewlenin tal-ewwel dħul)[14].

---

[10] *Data* mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Migrazzjoni.

[11] *Data* preliminari tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil għall-2018.

[12] Il-Ġermanja baqgħet il-pajjiż ta' destinazzjoni ewlieni, minkejja tnaqqis fl-applikazzjonijiet ta' wieħed minn ħamsa, filwaqt li fi Franza u fi Spanja kien hemm żieda sostanzjali.

[13] "Hit" tfisser l-eżistenza ta' konkordanza jew konkordanzi wara tqabbil bejn id-*data* tal-marki tas-swaba reġistrati fil-bank tad-*data* u dawk trażmessi minn xi Stat Membru. L-għadd ta' hits ma jikkorrispondix mal-għadd ta' persuni.

[14] Il-pajjiżi fejn kien hemm l-akbar tkabbir fl-għadd ta' soġġorni illegali minn persuni li qegħdin ifittxu l-ażil li qabel kienu ġew reġistrati fi Stat Membru ieħor kienu l-aktar il-Belġju u l-Ġermanja.

III. AZZJONI IMMEDJATA

Ir-rotta tal-Mediterran tal-Punent: Kooperazzjoni mal-Marokk

Hekk kif issa saret Spanja l-punt primarju ta' dħul fil-każ ta' qasmiet irregolari, il-prijorità ewlenija għall-UE għandha tkun li jittieħdu miżuri biex tiġi indirizzata l-migrazzjoni matul il-Mediterran tal-Punent. L-UE kienet qiegħda tpoġġi l-pedamenti għal sħubija mill-qrib mal-Marokk. Tard fl-2018 hija approvat sostenn ta' EUR 140 miljun għall-ġestjoni tal-fruntiera u bħala sostenn għall-baġit[15]. Il-Marokk diġà kien qiegħed jaħdem biex isaħħaħ il-kontroll fuq il-fruntieri tiegħu u waqqaf għadd kbir ta' tluq[16]. Dawn il-miżuri tal-UE se jsostnu dan il-proċess. Saru l-ewwel pagamenti u tniedu t-tenders għax-xiri ta' tagħmir kruċjali: l-aħħar kuntratti taħt dan il-pakkett se jiġu firmati f'April u l-implimentazzjoni fil-konkret hemm bżonn li tkompli. Dan se jikkumplimenta l-implimentazzjoni ta' EUR 36 miljun f'assistenza ta' emerġenza miftiehma fl-2018 biex Spanja tingħata għajnuna fil-fruntiera tan-Nofsinhar tagħha. L-UE tgħin lil Spanja anki permezz tal-Operazzjoni Indalo. Il-Kummissjoni hija lesta li tipprovdi lil Spanja bis-sostenn finanzjarju u tekniku kollu jekk ikollha bżonn tiġġestixxi l-wasliet.

B'mod aktar ġenerali, l-UE qiegħda taħdem biex tkompli tiżviluppa r-relazzjonijiet tagħha mal-Marokk sabiex tifforma sħubija eqreb, aktar profonda u aktar ambizzjuża. Il-mobbiltà u l-migrazzjoni se jkollhom rwol importanti, permezz ta' taħlita ta' sostenn finanzjarju, kuntatti eqreb bejn l-esperti kif ukoll kooperazzjoni operattiva, inkluż bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta. Dan għandu jiġi estiż ukoll għat-tkomplija ta' negozjati dwar ir-riammissjoni u l-faċilitazzjoni tal-viża, kif ukoll dwar il-migrazzjoni legali. L-indirizzar tal-flussi migratorji u l-ġestjoni tar-rotot tat-traffikar lejn il-Marokk mill-ġirien tagħha għandhom ukoll ikunu parti minn din il-kooperazzjoni aktar mill-qrib.

Barra minn sostenn dirett lejn il-Marokk, il-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE għall-Afrika[17] qiegħed jaħdem biex jiżviluppa kooperazzjoni matul ir-rotta kollha kemm hi li twassal lejn il-Mediterran tal-Punent. Programm ta' kooperazzjoni transfruntiera ġdid li jiswa EUR 8,6 miljun qiegħed isaħħaħ il-governanza kkoordinata tal-migrazzjoni bejn il-Marokk, is-Senegal, il-Mali u l-Kosta tal-Avorju, billi jsostni djalogi reġjonali ta' politika dwar il-migrazzjoni. Fi tmiem l-2018 ġie approvat programm ta' sostenn baġitarju speċifiku għall-Mawritanja, biex jingħata sostenn lill-istrateġija ta' żvilupp, b'attenzjoni partikolari fuq il-protezzjoni tal-migranti u s-sigurtà marittima[18]. Dalwaqt għandhom jitpoġġew EUR 120 miljun oħra mill-baġit tal-UE fil-parti tal-Afrika ta' Fuq tal-Fond Fiduċjarju [19]. Madandkollu, il-pipeline eżistenti – li jinkludi żidiet essenzjali għal programmi li għaddejjin fil-Libja kif ukoll fil-Marokk – jindika nuqqas li jista' jitla' sa EUR 86 miljun għall-2019. Se jkun hemm bżonn ta' kontribuzzjonjiet mill-Istati Membri sabiex din il-ħidma tkun tista' titkompla.

---

[15] Barra minn dan, ingħataw EUR 14,5 miljun għat-titjib tal-governanza tal-migrazzjoni fil-livell reġjonali li jindirizza l-migranti, dawk li jirritornaw u l-Marokkani li jgħixu barra. L-ammont totali tal-programmi li għaddejjin bħalissa huwa ta' EUR 232 miljun.

[16] Skont il-*data* JORA (Joint Operations Reporting Application) tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, l-awtoritajiet Marokkini waqqfu fl-2018 kważi 15 000 migrant irregolari milli jitlaq mill-Marokk bil-baħar. L-awtoritajiet Marokkini qegħdin ukoll jagħmlu azzjonijiet ta' prevenzjoni fuq l-art. Il-Ministeru tal-Intern Marokkin jistma li twaqqfu 88 761 każ ta' tluq ta' migranti mill-Marokk fl-2018.

[17] C(2015) 7293 finali tal-20.10.2015.

[18] Dan jikkumplimenta programmi eżistenti ffinanzjati mill-UE li jsostnu l-governanza tal-migrazjzoni, il-ġestjoni tal-fruntieri, il-ġlieda kontra t-traffikar u n-netwerks kriminali u l-ġlieda kontra t-terroriżmu.

[19] Dan se jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat tal-Istrument Ewropew tal-Viċinat f'April 2019.

Ir-rotta tal-Mediterran tal-Punent: Kundizzjonijiet aħjar fil-Libja

Teżisti ħtieġa urġenti li tingħata għajnuna lil dawk itturufnati fil-Libja. Sabiex ikun hemm żgur kundizzjonijiet aktar umani, irrid naħdmu biex ikun hemm alternattivi għad-detenzjoni, ġestjoni aktar ordnata u trasparenti tal-migranti u r-refuġjati fil-Libja, u biex ikun hemm assistenza ħalli n-nies ikunu jistgħu jirritornaw lejn pajjiżhom b'mod bla periklu, jew biex isibu protezzjoni fl-Ewropa jew x'imkien ieħor. Trid tingħata prijorità partikolari lill-vulnerabbli, u lil dawk fiċ-ċentri ta' detenzjoni: huwa stmat li hemm 6 200 migrant li bħalissa jinsab f'detenzjoni fil-Libja f'ċentri kkontrollati mill-Gvern tal-Għaqda Nazzjonali[20].

Fi ħdan il-limitazzjonijiet tas-sitwazzjoni preżenti fejn tidħol sigurtà dan huwa l-punt fokali tal-ħidma mal-Aġenzija tar-Refuġjati tan-Nazzjonijiet Uniti (UNHCR) u tal-Organizzazzjoni Internazzjonal għall-Migrazzjoni, kif ukoll tat-task force trilaterali bejn l-Unjoni Afrikana, l-Unjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti. Din il-kooperazzjoni diġà wasslet biex aktar minn 37 000 persuna setgħet tmur lura lejn darha permezz ta' programmi ta' ritorn volontarju assistit, u bi kważi 2 500 persuna evakwata mil-Libja lejn in-Niġer permezz tal-Mekkaniżmu ta' Tranżitu ta' Emerġenza tal-UNHCR[21]. Sa issa ġew risistemati aktar minn 1 200 minn fost dawn il-persuni, u pass kruċjali li jmiss għall-Istati Membri huwa li jiġu risistemati dawk li għadhom qegħdin jistennew fin-Niġer. It-Task Force se tkompli tħeġġeġ lill-awtoritajiet Libjani biex din il-ħidma tiġi ffaċilitata, b'attenzjoni partikolari fuq it-tnaqqis tal-bżonn ta' viżi għall-ħruġ u miżati għall-wasla.

Hemm bżonn ta' aktar ħidma biex jiġu indirizzati l-kundizzjonijiet mill-agħar li jsibu ma' wiċċhom ħafna migranti u rifuġjati. Sa mill-2016, il-Fond Fiduċjarju alloka kważi EUR 135 miljun għall-protezzjoni tal-migranti fil-Libja, u dan l-isforz irid jiġi sostnut. Il-ħidma tinkludi assistenza fejn jidħol l-iżbark, kif ukoll ir-reġistrazzjoni u t-traċċabbiltà tal-persuni li jiżbarkaw. Għaddejjin proġetti biex jitjiebu l-proċeduri u l-kundizzjonijiet l-ewwel f'dan l-istadju kritiku, kif ukoll wara t-trasferiment lejn iċ-ċentri ta' detenzjoni. F'Diċembru 2018 l-awtoritajiet Libjani awtorizzaw ukoll il-ftuħ tal-Faċilità tal-Ġbir u t-Tluq tal-UNHCR, bħala ċentru fejn tingħata għajnuna lir-refuġjati u lil dawk li jkunu qegħdin ifitxxu ażil biex ikunu evakwati bla telf ta' żmien. Dan jista' jintuża bħala soluzzjoni temporanja fil-każ ta' minuri mhux akkumpanjati u għal gruppi vulnerabbli oħra. L-UE se tkompli tagħmel pressjoni biex jiġi żgurat aċċess bla xkiel u regolari għal organizzazzjonijiet umanitarji u aġenziji tan-NU, biex jitjiebu l-kundizzjonijiet fiċ-ċentri ta' detenzjoni, biex jiżdiedu l-alternativi għad-detenzjoni u biex fl-aħħar mill-aħħar tispiċċa s-sistema ta' bħalissa tad-detenzjoni.

Peress li hija biss sezzjoni żgħira tal-migranti fil-Libja li huma miżmuma f'ċentri kkontrollati mill-gvern, huwa essenzjali li jingħata sostenn lill-komunitajiet lokali. Il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, u l-infrastruttura soċjali bażika kollha qegħdin jingħataw sostenn minn programmi tal-UE. Fl-2018 ġew approvati erba' programmi ġodda fil-Libja taħt il-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika, għal ammont totali ta' EUR 156 miljun.

Kważi 90 000 refuġjat u migranti vulnerabbli rċivew assistenza medika permezz ta' kura tas-saħħa primarja u speċjalizzata, u konsultazzjonijiet u skrinjar. Il-ħidma se tintensifika, bl-għoti ta' prijorità għar-ritorni volontarji assistiti, l-aċċellerazzjoni tal-evakwazzjonijiet tal-

[20] Stima mill-Aġenzija tar-Refuġjati tan-Nazzjonijiet Uniti l-UNHCR u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni.

[21] B'risistemazzjoni sussegwenti fil-Belġju, il-Kanada, il-Finlandja, il-Ġermanja, in-Netherlands, in-Norveġja, l-Iżvezja, l-Iżvizzera, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti. Evakwazzjonijiet oħra li saru mill-UNHCR lejn l-Italja u lejn Ċentru ta' Tranżitu ta' Emerġenza fir-Rumanija jtellgħu it-total għal 3 175.

minuri u ta' nies vulnerabbli oħra, it-titjib fil-kundizzjonijiet ta' detenzjoni u s-sejba ta' alternattivi għad-detenzjoni. B'mod parallel, l-għajnuna umanitarja fil-Libja laħqet madwar 700 000 persuna, fost l-aktar nies vulnerabbli milquta mill-kunflitt, inkluż persuni spostjati internament.

Il-Mediterran tal-Lvant: It-titjib tal-kundizzjonijiet fil-Greċja

L-impenn kontinwu għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni bejn l-UE u t-Turkija, kif ukoll is-sostenn finanzjarju u operattiv maġġuri mill-UE sa mill-2015 għamlu kontribut maġġuri biex tittaffa l-pressjoni fuq il-gżejjer Griegi[22]. Bħalissa għaddejjin passi ulterjuri. L-awtoritajiet Griegi wettqu għadd ta' miżuri biex jipproċessaw it-talbiet għall-ażil aktar malajr, inkluż permezz ta' aktar tobba li jevalwaw il-vulnerabbiltà, unitajiet mobbili tal-ażil u ta' għadd akbar ta' Kumitat tal-Appell. Għaddejjin proġetti pilota sabiex ikunu jistgħu jistabu modi oħra ta' kif titttejjeb il-ħidma tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil. Dan għandu jwassal għal żieda fl-effettività tar-ritorni, speċjalment skont id-Dikjarazzjoni bejn l-UE u t-Turkija – u fit-titjib tal-kundizzjonijiet billi jitnaqqas l-iffullar fuq il-gżejjer.

Madankollu, huwa essenzjali li jkun hemm sens ta' tmexxija u ta' impenn qawwi min-naħa tal-gvern Grieg biex ikunu jistgħu jiġu ffaċċjati l-isfidi li fadal. L-UE se tkompli tassisti lill-Greċja permezz ta' sostenn finanzjarju[23] u l-aġenziji tal-UE se jkomplu jibagħtu l-għarfien espert. Huwa wkoll essenzjali li l-Istati Membri jkomplu jipprovdu biżżejjed sostenn għall-ħidma tal-aġenziji tal-UE. Huma meħtieġa azzjonijiet urġenti u koordinati mill-awtoritajiet Griegi sabiex jinkiseb dan li ġej:

- Proċeduri ta' ażil aktar effiċjenti sabiex jiġi żgurat ipproċessar aktar malajr ta' talbiet għall-ażil.
- Żieda fl-għadd ta' ritorni biex isir użu massimu tal-programmi ta' ritorn volontarju assistit, imwieżen minn programmi ta' reintegrazzjoni. Fejn ikun hemm bżonn ta' ritorn bil-forza, hemm bżonn li jkun hemm faċilitajiet xierqa li jintużaw qabel it-tneħħija u li jkunu konformi mal-istandards applikabbli tad-drittijiet umani. Dan jitlob li jkun hemm fluss ta' ħidma operattiva effettiva li tipprijoritizza gruppi kruċjali f'kull stadju tal-proċess[24].
- Qafas regolatorju u amministrattiv kapaċi li jiżgura l-operat u l-monitoraġġ tal-kapaċità ta' akkoljenza u l-provvista tas-servizzi relevanti kollha.
- Il-provvista malajr ta' mill-anqas 2 000 post f'akkomodazzjoni xierqa għal minuri mhux akkumpanjati, kif ukoll l-iffinalizzar u l-implimentazzjoni ta' strateġija nazzjonali komprensiva sabiex tiġi żgurata protezzjoni għal minuri mhux akkumpanjati.

[22] Sostenn riċenti kien jinkludi aktar servizzi ta' interpretazzjoni, kapaċità mtejba ta' akkoljenza, u l-użu ta' tobba mill-militar, kif ukoll l-adozzjoni tal-Ippjanar Finanzjarju 2019 għall-provvista ta' kundizzjonijiet adegwati ta' lqugħ u biex jiġi żgurat is-sostenn fuq l-art kontinentali (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna li jmiss).

[23] L-aktar sostenn riċenti, konċess f'Diċembru 2018, kien jinkudi EUR 190 miljun biex jiġi garantit il-programm ta' Appoġġ ta' Emerġenza għall-Integrazzjoni u l-Akkomodazzjoni (ESTIA), ġestit mill-Aġenzija għar-Refuġjati tan-NU (UNHCR) u EUR 61 miljun sabiex jitkompla l-programm ta' sostenn fuq il-post għall-faċilitajiet ta' akkoljenza fuq l-art kontinentali mmexxija mill-Organizzazzjoni Internazzjonal għall-Migrazzjoni (IOM) u l-Fond tat-Tfal tan-Nazzjonijiet Uniti. F'Marzu 2019, l-attivazzjoni tal-Istrument ta' Appoġġ ta' Emerġenza se tasal fi tmiemha. Il-kontinwazzjoni tal-proġetti ewlenin fil-Greċja fl-2019 huwa sostnut minn sorsi oħra ta' finanzjament mill-UE.

[24] Gruppi kruċjali jinkludu persuni vulnerabbli, inklużi minuri mhux akkompanjati, Sirjani, kif ukoll nazzjonalitajiet b'rati ta' għarfien medji baxxi, abbażi ta' statistika nazzjonali uffiċjali.

- Sistema ta' riferiment aħjar għal akkomodazzjoni miftuħa għal applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u għal persuni vulnerabbli kif ukoll il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti.

Għal dan il-għan huwa neċessarju li jkun hemm strateġija nazzjonali Griega effettiva u sostenibbli dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni. Dan jitlob li jiġu stabbiliti kooperazzjoni u koordinazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali relevanti kollha, bi flussi ta' ħidma operattivi u regoli komuni ta' prijoritizzazzjoni.

Il-ħtieġa ta' arranġamenti temporanju dwar l-iżbark fl-UE

Fis-sajf tal-2018 diġà kien hemm għadd ta' każijiet fejn l-Istati Membri ma setgħux jilħqu qbil malajr dwar l-iżbark u dwar il-miżuri ta' segwitu. Bħala riżultat ta' dan, is-soluzzjonijiet li twettqu kienu ta' natura limitata u *ad hoc*. F'Jannar 2019, il-ħtieġa li tinstab soluzzjoni għall-opra tal-baħar *Sea-Watch 3* wasslet għal sforz partikolari ta' koordinazzjoni bejn għadd ta' Stati Membri, il-Kummissjoni u l-aġenziji relevanti. Għalkemm kienu nvoluti biss għadd żgħar ta' nies, din l-esperjenza prattika kienet xhieda ta' rieda tajba għas-sejba ta' qafas aktar effettiv ta' kooperazzjoni fi spirtu ta' solidarjetà u tista' tkun ta' għajnuna biex jiġi ispirat xogħol biex ikun hemm approċċ aktar sistematiku u kkoordinat tal-UE rigward l-iżbark, l-ewwel akkoljenza, ir-reġistrazzjoni u r-rilokazzjoni fil-forma ta' arranġamenti temporanji. Dan jista' jkun jinvolvi plan ta' ħidma trasparenti, pass b'pass, li jiżgura li l-Istat Membru kkonċernat jirċievi l-assistenza operattiva u effettiva li jkollu bżonn mingħand il-Kummissjon, l-aġenziji tal-UE u minn Stati Membri oħra.

Filwaqt li għadu ta' prijorità li jkun hemm it-tlestija malajr tar-riforma leġiżlattiva tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, il-Kummissjoni diġà saħqet dwar il-valur ta' tali arranġamenti temporanji f'Diċembru 2018[25], bħala approċċ koordinat immedjat għall-iżbark u għal sitwazzjonijiet oħra ta' pressjoni partikolari fl-UE. Tali arranġamenti jkunu jfissru t-tqegħid fil-prattika tas-solidarjetà u r-responsabbiltà, abbażi ta' fehim reċiproku ta' interess komuni u kondiviż, bħala mekkaniżmu ta' soluzzjoni temporanja sakemm tiġi ffinalizzata r-riforma leġiżlattiva u ssir applikabbli. L-UE tkun tassew mgħammra ħafna aħjar milli hi llum biex toffri solidarjetà konkreta b'mod strutturat, effettiv u flessibbli, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura l-prevenzjoni effettiva ta' movimenti sekondarji u fatturi li jattiraw. Sabiex dan l-approċċ ikun effettiv, hemm bżonn li jipparteċipaw fih għadd kemm jista' jkun kbir ta' Stati Membri. L-elementi kruċjali ta' tali arranġamenti temporanji jkunu:

- Meta Stat Membru jkun qiegħed taħt pressjoni, jew meta jkun neċessarju li jingħata kontribut għall-iżbark malajr wara operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ, l-Istat Membru kkonċernat jitlob l-assistenza.
- Bħala reazzjoni għal dik it-talba, jkun hemm bżonn li jiġi identifikat is-sostenn speċifiku li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu permezz tal-miżuri ta' solidarjetà Jeħtieġ li l-miżuri ta' solidarjetà offruti mill-Istati Membri jiġu bbilanċjati billi l-Istati Membri li jibbenefikaw iwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom li jieħdu miżuri xierqa għall-ġestjoni tal-wasliet.
- Jeħtieġ li tiġi stabbilita struttura ta' koordinazzjoni biex isir segwitu wara tali talbiet mill-Istati Membri, li tkun tinkludi l-entitajiet involuti ewlenin, bħal ma huma l-Kummissjoni u l-Aġenziji tal-UE.

[25] COM(2018) 798 final tal-4.12.2018.

– L-Aġenziji tal-UE huma mgħammra sew biex jipprovdu l-assistenza neċessarja, f'oqsma bħal ma huma l-ewwel akkoljenza, ir-reġistrazzjoni, ir-rilokazzjoni u r-ritorn.

– Is-sostenn finanzjarju mill-baġit tal-UE se jsir disponibbli lill-Istati Membri li jagħmlu rilokazzjoni voluntarja u għal operazzjonijiet ta' ritorn volontarju. Is-sostenn finanzjarju jkun disponibbli wkoll għall-Istati Membri li jkunu taħt pressjoni.

Il-passi kruċjali immedjati
• L-assistenza l-ġdida mogħtija lill-***Marokk*** mill-UE u minn Spanja għandha tiġi diretta lejn it-tnaqqis tal-wasliet irregolari mill-kosta tal-Marokk u twassal għal aktar impenn mal-Marokk u ma' pajjiżi relevanti oħra biex tiżdied ir-riammissjoni effettiva ta' migranti irregolari bħala parti minn approċċ komprensiv.
• L-UE għandha tħaffef il-pass tal-ħidma mat-Task Force stabbilita bejn l-Unjoni Afrikana, l-Unjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti biex ikomplu jittejbu ***l-kundizzjonijiet fil-Libja*** u biex issir ħidma biex tintemm is-sistema ta' bħalissa taċ-ċentri ta' detenzjoni, kif ukoll biex jingħelbu l-ostakoli għall-aċċess ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u għar-ritorn voluntaru tal-migranti u l-evakwazzjoni tar-refuġjati; irid jiġi żgurat li ssir ir-reġistrazzjoni sistematika u interoperabbli tal-migranti kollha li jiżbarkaw u li jitpoġġew f'detenzjoni.
• ***Il-Greċja*** jenħtieġ li b'mod urġenti tistabbilixxi strateġija nazzjonali effettiva u sostenibbli dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni biex tindirizza n-nuqqasijiet li fadal bħal fil-każ tal-minuri li jkunu qegħdin jirritornaw u dawk mhux akkumpanjati, bl-aħjar użu tas-sostenn sinifikanti pprovdut mill-UE.
• Għandha tiġi stabbilita ġabra ta' ***arranġamenti temporanji*** dwar l-iżbark, li fiha jkun hemm għadd kritiku ta' Stati Membri li jkunu lesti jipparteċipaw permezz ta' miżuri ta' solidarjetà.

IV. IL-ĠESTJONI TAL-MIGRAZZJONI PERMEZZ TA' ERBA' PILASTRI

1. *Ħidma kontra dak li jwassal għall-migrazzjoni irregolari: il-ħidma ma' sħabna*

Sa minn mindu ġie adottat il-Qafas ta' Sħubija dwar il-Migrazzjoni, il-migrazzjoni saret kunsiderazzjoni ċentrali fir-relazzjonijiet esterni tal-UE – is-sħubijiet globali u l-kooperazzjoni għat-tul huma ċ-ċavetta għall-ġestjoni tal-aspetti kollha tal-migrazzjoni[26]. Il-migrazzjoni hija parti integrali sew fir-relazzjonijiet kumplessivi ma' pajjiżi sħab. Sabiex tkompli tiġi approfondita l-kooperazzjoni mas-sħab, huwa mill-aktar importanti li jkun hemm approċċ komprensiv, konġunt, b'għeruq fil-multilateraliżmu, f'fora bilaterali, reġjonali u multilaterali.

L-indirizzar tal-kawżi fl-għeruq tal-migrazzjoni irregolari

Il-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika ta prova tal-valur miżjud tiegħu bħala strument ta' twettiq rapidu u effettiv li jiffaċilita d-djalogu politiku ma' pajjiżi sħab, japplika approċċi innovattivi u jipproduċi riżultati konkreti billi jiġbor flimkien l-iffinanzjar u l-għarfien espert minn varjetà ta' partijiet interessati, u b'mod partikolari mill-Istati Membri tal-UE. Ir-riżorsi issa qabżu EUR 4,2 biljun minn mindu l-Fond Fiduċjarju beda l-ħidma tiegħu fl-2016, b'aktar minn 188 programm li issa ntlaħaq qbil dwarhom[27]. Huwa importanti li jibqa' għaddej il-

[26] COM(2016) 385 finali tas-7.6.2016.
[27] Il-proġetti approvati mill-Kumitati Operattivi, b'total ta' madwar EUR 3,6 biljun. Sa issa, ġew iffirmati 393 kuntratt għal total ta' aktar minn EUR 2,6 biljun.

progress li sar sa issa. Madankollu, mingħajr kontribuzzjonijiet nazzjonali addizzjonali, mhux se jkun possibbli li l-Fond Fiduċjarju tal-UE jiffinanzja inizjattivi ġodda jew li jżid fuq il-programmi ta' siwi kbir li qegħdin illum iħallu l-frott: apparti d-diskrepanza fis-sezzjoni għall-Afrika ta' Fuq, anki s-sezzjoni tas-Sahel u tal-Lag Ċad diġà se jkollha diskrepanza ta' ffinanzjar għall-2019. Għadu wkoll essenzjali li l-flessibbiltà u r-risponsibità li l-Fondi Fiduċjarji llum jipprovdu jibqgħu karatteristika ċentrali taħt il-Qafas Finanzjarji pluriennali li ġej, u li tiġi assigurata l-kontintwità tal-azzjoni.

Aktar sostenn għall-għajxen u l-ekonomiji fl-Afrika sub-Saharjana u l-Viċinat tal-UE se jidħol taħt il-Pjan ta' Investiment Estern. Il-EUR 1,54 biljun għal 28 programm ta' garanzija li issa huma approvati għandhom jilliberaw massimu ta' EUR 17,5 biljun f'investimenti li jkunu jkopru oqsma bħal ma huma l-aċċess għall-iffinanzjar għal impriżi mikro, żgħar u medji, għall-enerġija u l-konnettività, l-ibliet, l-agrikultura u l-qasam diġitali (inklużi s-servizzi tas-saħħa fuq bażi elettronika)[28]. Hekk kif hemm 94 proġett approvat b'finanzjament ikkombinat li rċevew EUR 2,2 biljun u filwaqt li mistennija li jilliberaw EUR 19,5 biljun, it-total mistenni ta' investimenti leħaq madwar EUR 37 biljun u għaddej il-Pjan biex tiġi ssodisfata l-previżjoni inizjali li jiġu mobilizzati EUR 44 biljun, li jkun ta' xprun maġġuri għad-dinamiżmu ekonomiku.

Il-ġlieda kontra n-netwerks tat-traffikar

Hija meħtieġa azzjoni determinata u sostnuta kemm fi ħdan l-UE kif ukoll barra minnha sabiex jiġi mminat il-mudell ta' negozju tat-traffikanti u sabiex jitħarbtu n-netwerks kriminali. Dan ġie enfasizzat mill-Kunsill Ewropew f'Ottubru 2018, u wassal għal ġabra ta' miżuri operattivi li ġew adottat f'Diċembru 2018[29] għat-titjib tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi u biex jiġi kkumplimentat il-Pjan ta' Azzjoni eżistenti tal-UE kontra t-Traffikar tal-migranti[30].

Il-ġlieda kontra n-netwerks tat-traffikar hija parti kruċjali mill-ħidma tal-UE ma' sħab f'pajjiżi terzi. Sħubija operattiva ġdida, immexxija minn Franza, mas-Senegal, se tiġi implimentata taħt il-Fond Fiduċjarju. Fin-Niġer, hemm Timijiet Konġunti ta' Investigazzjoni li qegħdin iġibu flimkien l-awtoritajiet tan-Niġer, ta' Franza u ta' Spanja, u dan wassal għal 200 każ ta' prosekuzzjoni. Issa, jeħtieġ li dan jinfirex b'attenzjoni għall-fruntiera ta' isfel tal-Libja, dik bejn in-Niġer u l-Alġerija, u dik bejn in-Niġer u n-Niġerja. Barra minn dan, din is-sena nbdew sitt kampanji ta' informazzjoni u għarfien dwar ir-riskji tal-migrazzjoni irregolari, fil-Kosta tal-Avorju, in-Niġer, it-Tuniżija, il-Mali, il-Guinea u l-Gambja[31].

Il-ħidma kontra n-netwerks tat-traffikanti qiegħda tiġi mgħejjuna minn infrastruttura li qiegħda titkabbar. Il-Kamra tal-Ikklerjar tal-Informazzjoni ttejjeb l-istampa komprensiva tal-Europol u ssostni l-infurzar tal-liġi. Il-proġett pilota taċ-Ċellola ta' Informazzjoni tal-Kriminalità, li huwa parti mill-Operazzjoni Sophia, jagħmel il-konnessjoni fl-iskambju tal-informazzjoni bejn l-atturi ċivili u militari. L-operazzjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni fis-Sahel qegħdin dejjem aktar jintrabtu flimkien biex jakkwistaw impatt reġjonali. L-Uffiċjali ta' Kollegament dwar il-Migrazzjoni Ewropea skjerati mill-Kummissjoni fi 12-il pajjiż sieħeb ta' prijorità jaġixxu bħala mezz kruċjali ta' komunikazzjoni[32]. Bil-qbil politiku li ntlaħaq bejn il-

[28] L-ammonti finali u d-distribuzzjonijiet ta' dawn il-Garanziji għandhom jiġu ddefiniti minn ftehimiet ta' garanzija li għandhom jiġu ffirmati mill-banek tal-iżvilupp u l-Kummissjoni Ewropea.

[29] Dokument 15250/18 tas-6.12.2018.

[30] COM(2015) 285 finali tas-27.5.2015.

[31] Iffinanzjati mill-Fond għall-Azil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni.

[32] L-Etjopja, il-Ġordan, il-Libanu, il-Mali, il-Marokk, in-Niġer, in-Niġerija, il-Pakistan, is-Senegall, is-Serbja, is-Sudan, it-Tuniżija.

Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-proposta reċenti tal-Kummissjoni,[33] il-koordinazzjoni bejn in-netwerks ta' uffiċjali ta' kollegament tal-immigrazzjoni, ġestit mill-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Aġenziji tal-UE, se tkompli tissaħħaħ.

Fi ħdan l-UE, il-kooperazzjoni operattiva tal-Istati Membri hija mwieżna minn ġranet ta' azzjoni konġunta, li tinvolvi l-Istati Membri, pajjiżi terzi, aġenziji tal-UE, kif ukoll sħab esterni[34]. Fl-2018, iċ-Ċentru Ewropew kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti ta sostenn f'39 Jum ta' Azzjoni Konġunta u Komuni, li wasslu għal 607 każ ta' arrest, kif ukoll għal 101 każ ta' prijorità kriminali. L-iskambju tal-informazzjoni għad għandu importanza kruċjali: Il-Eurostat qiegħda tmexxi l-ġbir tad-*data* dwar statistika tal-ġustizzja kriminali dwar it-traffikar tal-migranti, u qiegħda tkun ta' benefiċċju maġġuri fejn jidħlu l-analiżi tax-xejriet u r-reazzjoni għalihom.

Ir-ritorn u r-riammissjoni

L-indirizzar tar-rata baxxa ta' ritorni mill-UE irid jibqa' jitqies bħala objettiv ċentrali. Huwa rabta indispensabbli fil-katina tal-ġestjoni tal-migrazzjoni. Ir-rati baxxi ta' ritorn jimminaw il-kredibbiltà tas-sistema f'għajnejn il-pubbliku u jżidu l-inizjattivi biex isiru movimenti sekondarji ta' migrazzjoni irregolari. Dan jirrekjedi azzjoni kemm fi ħdan l-UE kif ukoll f'ħidma ma' pajjiżi terzi. Hemm passi immedjati li l-Istati Membri għandhom jieħdu biex jittejbu l-proċeduri interni tar-ritorn tagħhom sabiex jiġi żgurat li jkun hemm ir-ritorn uman u rapidu ta' dawk li ma jkollhomx bżonn ta' protezzjoni internazzjonali – abbażi tal-Pjan ta' Azzjoni u r-rakkomandazzjonijiet konkreti proposti mill-Kummissjoni fl-2017[35]. Dawn urew kif l-istrumenti legali, operattivi u finanzjarji li għandha l-UE bħalissa jistgħu jintużaw aħjar, bi proċeduri aktar mgħaġġla, miżuri aktar qawwija kontra l-ħrib, approċċ multidixxiplinarju mill-awtoritajiet nazzjonali u kooperazzjoni u koordinazzjoni aħjar bejn l-Istati Membri.

Tali miżuri immedjati mill-Istati Membri għandhom jiġu msaħħa minn miżuri ulterjuri mill-UE. Riformi li għadhom kif ġew adottat fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen se jżidu b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-Istati Membri li jinfurzaw id-deċiżjonijiet ta' ritorn u l-projbizzjonijiet ta' dħul[36]. Kien hemm ukoll żieda sinifikanti fis-sostenn mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fejn jidħlu ritorni, kemm b'kooperazzjoni kif ukoll b'azzjoni operattiva f'oqsma inkluż it-titjiriet ta' ritorn u r-rwol tal-konsulati[37]. Iżda hemm bżonn aktar. L-ewwel pass li jmiss għandu jsir bil-proposta tal-Kummissjoni għal riforma tad-Direttiva tar-Ritorn[38]: adozzjoni malajr ta' din il-proposta tkun ta' benefiċċju maġġuri għall-konsistenza u l-effettività tal-proċeduri tar-ritorn, filwaqt li jkunu qegħdin jitħarsu d-drittijiet fundamentali u jiġi rispettat il-prinċipju tan-*non-refoulement*[39].

33 COM(2018) 303 final tal-16.5.2018.
34 Organizzata skont iċ-Ċiku ta' Politika tal-UE/EMPACT (il-pjattaforma multidixxiplinarja Ewropea kontra t-theddid minn atti kriminali).
35 COM(2017) 200 u C(2017) 1600, li jibnu fuq COM(2015) 453.
36 Ir-Regolament (UE) 2018/1861 tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u r-Regolament (UE) 2018/1860 tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali
37 Dan jissaħħaħ permezz tal-proposta l-ġdida dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (COM(2018) 631 finali tat-12.9.2018).
38 COM(2018) 634 final tal-9.12.2018.
39 Non-refoulement tfisser li persuna ma tistax tiġi rritornata lejn pajjiż fejn dik il-persuna jkollha għaliex tibża' li tkun se tiġi persegwitata.

Permezz tal-investiment fi djalogu ma' pajjiżi sħab tul dawn l-aħħar erba' snin setgħu jsiru passi tanġibbli 'il quddiem. Il-kooperazzjoni skont is-17-il Ftehimiet ta' Riammissjoni u s-sitt arranġamenti prattiċi, li tfasslu aktar tard, bdiet tipproduċi r-riżultati fl-oqsma ta' identifkazzjoni, il-provvista ta' dokumenti u r-ritorn ordnat, sostnuta minn appoġġ operattiv. Madankollu, sabiex dan il-qafas ikun jista' jipproduċi l-potenzjal kollu tiegħu – u anki biex ikun jista' jlaħħaq ma' ħtiġijiet akbar ta' ritorn fil-futur – l-Istati Membri hemm bżonn li jużaw l-opportunitajiet li joffri, jipparteċipaw b'mod attiv fil-ġestjoni tal-ftehimiet u l-arranġamenti, u jindikaw lill-Kummissjoni kull problema li jsibu fl-implimentazzjoni. L-UE u l-Istati Membri tagħha jgħinu wkoll billi jappoġġjaw ir-reintegrazzjoni għal dawk li jirritoraw: aktar minn 60 100 migrant gawda minn assistenza għar-reintegrazzjoni sa minn Mejju 2017.

Il-Kummissjoni se tkompli tagħfas biex tiżviluppa arranġamenti ġodda ma' sħab oħra. Għaddejjin negozjati dwar ir-riammissjoni man-Niġerja, it-Tuneżija, u ċ-Ċina, u għandhom jitkomplew mal-Marokk. Fejn ikun hemm bżonn, jenħtieġ li li l-oqsma kollha relevanti ta' politika tal-UE jiġu utilizzati biex issir pressjoni, f'koordinazzjoni mill-qrib fil-livell tal-Istati Membri. Il-politika tal-UE dwar il-viża diġà kienet ta' għajnuna biex jiġu ffaċilitati n-negozjati dwar ir-riammissjoni u l-mekkaniżmu tas-sospensjoni tal-viża kien ta' għajnuna biex jiġu sorveljati mill-qrib l-obbligi ta' riammissjoni. Il-Kummissjoni tilqa' l-ftehim li ntlaħaq bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar ir-riforma fil-Kodiċi tal-Viża, li tinkludi l-possibbiltà li jiġu adottati miżuri restrittivi fejn tidħol il-viża kontra pajjiżi terzi li ma jikkooperawx fejn tidħol riammissjoni. Se jkun essenzjali li tkompli tintuża din it-tip ta' pressjoni biex jitħaffef il-pass tar-riammissjoni.

Il-passi kruċjali li jmiss
• Hemm bżonn li l-istituzzjonijiet tal-UE jaraw li ***l-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss*** ikun jipprovdi l-iskala u l-flessibbiltà meħtieġa biex tiġi approfondita l-kooperazzjoni ma' sħab minn pajjiżi terzi dwar il-migrazzjoni. • L-Istati Membri u l-UE għandhom jagħmlu segwitu dwar il-miżuri adottati f'Diċembru 2018 fil-***ġlieda kontra n-netwerks ta' traffikar tal-migranti***, inkluż milli jintensifika l-ħidma taċ-Ċentru Ewropew kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti tal-Europol. • Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom ilestu n-negozjati dwar il-proposta tal-***Kummissjoni ghat-tisħiħ tar-ritorn***. L-Istati Membri għandhom diġà jimmassimizzaw il-potenzjal għal titjib tal-effettività tar-ritorn skont il-qafas eżistenti. • L-Istati Membri għandhom jaraw li jsir użu sħiħ tal-***ftehimiet u arranġamenti ta' riammissjoni*** u l-UE għandha tiżviluppa ***ftehimiet u arranġamenti ġodda ta' riammissjoni*** ma' pajjiżi terzi oħra. • L-Istati Membri u l-UE għandhom jestendu ***s-sħubijiet operattivi komuni*** ma' pajjiżi terzi sabiex jappoġġjaw attivitajiet bħal ma huma timijiet konġunti ta' investigazzjoni, bini ta' kapaċitajiet u l-iskambju ta' uffiċjali ta' kollegament.

2. *Il-ġestjoni tal-fruntieri – jiġi salvati l-ħajjiet u jitħarsu l-fruntieri esterni*

L-operazzjonijiet fil-fruntieri

Is-salvataġġ tal-ħajjiet tan-nies li jsibu ruħhom f'diffikultajiet fil-baħar huwa għan primarju tal-azzjoni tal-UE f'relazzjoni mal-immaniġġjar tal-fruntieri esterni tal-UE. L-Aġenzija tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntieri u l-Kosta tikkoordina operazzjonijiet marittimi konġunti

sabiex tiżgura li jkun hemm kontroll effettiv tal-fruntieri esterni tal-UE fuq il-baħar. L-assi kollha f'dawn l-operazzjonijiet huma marbuta bil-liġi internazzjonali u jagħti assistenza lil kull opra tal-baħar li tkun tinsab f'diffikultajiet fuq il-baħar. L-Operazzjonijiet Konġunti Themis, Poseidon u Indalo, kif ukoll l-Operazzjoni Sophia tal-Politika Komuni ta' Sigurtà u Difiża huma ta' kontribut importanti fil-kontroll tal-fruntieri, kif ukoll fit-tiftix u s-salvataġġ. Kważi 39 300 persuna ġew salvati permezz tal-assi użati f'operazzjonijiet marittimi tal-UE fl-2018 biss[40].

L-Aġenzija Ewropea tal-Gwardja tal-Fruntieri u l-Kosta timplimenta wkoll attivitajiet operattivi ikkoordinati fil-fruntiera esterna fuq l-art, li tgħin fil-kontroll tal-migrazzjoni irregolari u jiġi miġġieled it-traffikar, kif ukoll tiġi pprovduta l-intelliġence. Huwa essenzjali li l-Aġenzija jkollha l-kapaċità li tirreaġixxi għal xejriet ġodda, bħal ma hi pressjoni akbar fil-Mediterran tal-Punent. Madankollu, l-Aġenzija għad għandha quddiemha nuqqas ta' riżorsi umani u ta' tagħmir tekniku u r-responsabbiltà kondiviża bejn l-Istati Membri u l-Aġenzija ma twassalx għall-provvediment tar-riżorsi meħtieġa. Iż-żewġ pilastri tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntieri u tal-Kosta huma interdipendenti u jistgħu biss jiżguraw l-integrità taż-żona ta' Schengen meta jaġixxu għalenija.

Il-ġestjoni tal-fruntiera hemm bżonn li tieħu vantaġġ mill-istrumenti kollha disponibbli. Dan ifisser l-użu sħiħ tal-potenzjal li toffri t-teknoloġija tal-informazzjoni. L-estensjoni u t-titjib tas-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni użati għall-ġestjoni tal-fruntieri u għas-sigurtà ġabet potenzjal ġdid għall-użu ta' dawn l-istrumenti flimkien. L-implimentazzjoni tar-regolamenti li se jsiru dwar l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE – bis-salvagwardji t-tajba ta' protezzjoni tad-*data* – se tippermetti li l-awtoritajiet japplikaw ir-regoli b'mod aktar effettiv.

Il-proposta tal-Kummissjoni ta' Settembru 2018 għal Gwardja Ewropea tal-Fruntieri u tal-Kosta msaħħa u mgħammra għal kollox hija mmirata biex jittieħed pass deċiżiv lejn ġestjoni tal-fruntieri tassew integrata. Din twassal għal livell operattiv ġdid għall-Gwardja Ewropea tal-Fruntieri u tal-Kosta b'korp permanenti ta' 10 000 membru tal-persunal operattiv li jkollhom poteri eżekuttivi u bl-apparat tagħha stess, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ kemm id-drittijiet fundamentali kif ukoll is-sovranità li għandhom l-Istati Membri fuq il-fruntieri tagħhom. Ir-raġuni hi li l-UE għadha mhux mgħammra b'mod suffiċjenti biex tindirizza l-kriżijiet fil-fruntieri esterni, b'mod partikolari f'każ li sseħħ xi wasla kbira ta' migranti irregolari. Tali stat ta' tħejjija hija l-livell ta' referenza f'każ li l-fruntiera esterna titqies b'saħħitha biżżejjed biex iċ-ċittadini tal-UE jerġa' jkollhom il-fiduċja f'Schengen. In-negozjati dwar din il-proposta issa waslu fl-istadju tat-trilogu, u dan juri li l-istituzzjonijiet kollha huma impenjati lejn l-adozzjoni ta' din il-proposta qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2019.

Il-ħidma mas-sħab fil-pajjiżi terzi

Is-sostenn għall-pajjiżi mhux tal-UE, u l-kooperazzjoni magħhom, huma essenzjali għall-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-UE. Pass minn tal-ewwel huwa li ssir dispożizzjoni għal relazzjonijiet ta' ħidma mill-qrib, sabiex jiġu skerati timijiet f'operazzjonijiet konġunti fuq iż-żewġ naħat tal-fruntieri komuni. Għal dan l-iskop, il-Kummissjoni nnegozjat ftehimiet ta' status ma' ħames pajjiżi tal-Balkani tal-Punent. Tali ftehimiet ġew iffirmati mal-Albanija, u

[40] Sors: L-Aġenzija Ewropea tal-Gwardja tal-Fruntieri u l-Kosta u l-Operazzjoni Sophia.

ġew inizjalati mal-Maċedonja ta' Fuq (Lulju 2018), is-Serbja (Settembru 2018), il-Bożnja u Ħerżegovina (Jannar 2019) u l-Montenegro (Frar 2019).

L-għarfien espert tal-UE jista' wkoll jagħmel differenza permezz ta' kooperazzjoni operattiva attiva. L-UE għenet lill-Gwardja Kostali Libjana biex din tkun tista' żżid b'mod sinifikanti l-kapaċità li ssalva n-nies fuq il-baħar, u biex it-traffikanti ma jitħallewx jibagħtu n-nies fuq il-baħar f'dgħajjes mhux tajbin għat-tbaħħir. It-taħriġ, inkluż fejn jidħlu d-drittijiet umani u l-liġi internazzjonali tal-baħar, hemm bżonn li jiżdied. Hekk kif il-Libja nnotifikat b'mod uffiċjali lill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali biż-żona ta' Salvataġġ u Tiftix tagħha, il-kapaċità tagħha issa hemm bżonn li tkun sostnuta permezz ta' Ċentru ta' Koordinazzjoni għas-Salvataġġ Marittimu mgħammar b'kollox. Is-sostenn tal-UE kien immirat ukoll lejn is-salvataġġ tal-ħajjiet fuq ir-rotot fuq l-art: is-sostenn tal-UE u tal-Istati Membri fin-Niġer wassal għal tnaqqis kbir fil-flussi migratorji, u l-ħidma mal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni wasslet għat-tiftix u s-salvataġġ ta' aktar minn 13 000 migrant fid-deżert tan-Niġer.

L-UE u l-Istati Membri jipprovdu sostenn sinifikanti u bini ta' kapaċità biex jassistu lis-sħab fil-ġestjoni tal-fruntieri tagħhom. Ta' attenzjoni partikolari kienu ċerti programmi reġjonali: il-programm Ġestjoni Aħjar tal-Migrazzjoni fil-Qarn tal-Afrika kien ta' għajnuna biex setgħu jsiru pattulji konġunti transfruntiera u qsim konġunt tal-fruntiera bejn sħab bħal ma huma l-Etjopja u s-Sudan ta' Isfel, kif ukoll l-iskambju tal-aħjar prattiċi.

Din il-ħidma qiegħda wkoll issir f'kooperazzjoni mill-qrib ma' ħidma taħt il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u permezz tal-missjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u Difiża Komuni. Il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri tagħti appoġġ lil-Libja fl-iżvilupp ta' qafas ta' ġestjoni tal-fruntieri usa', u tipprovdi pariri strateġiċi lil Ministeri kruċjali. Minbarra taħriġ lill-Gwardja tal-Kosta Libjana, il-mandat ta' Operazzjoni Sophia jikkombina t-tħarbit tan-networks ta' traffikar tal-migranti u tat-traffikar tal-armi ma' attivitajiet ta' sorveljanza (pereżempju l-kuntrabandu taż-żejt). Dan ippermetta lill-UE toffri kontribut sinifikanti għat-titjib tas-sigurtà marittima ġenerali u għar-ritorn tal-istabbiltà fil-Mediterran Ċentrali. F'Diċembru 2018, ġie estiż għal tliet xhur il-mandat ta' Operazzjoni Sophia, madankollu fin-nuqqas ta' soluzzjoni dwar l-iżbark, mhux ċar jekk hix se titkompla.

Il-passi kruċjali li jmiss
• Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għadhom jadottaw ***il-proposta riveduta dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta*** qabel ma jsiru l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.
• L-Istati Membri jenħtieġ li jaraw li l-Aġenzija Ewropea tal-Gwardja tal-Fruntieri u l-Kosta jkollha r-riżorsi meħtieġa biex b'mod regolari tevalwa s-sitwazzjoni fuq il-post u tara li jkunu jistgħu jsiru ***l-operazzjonijiet essenzjali tal-fruntieri***. Għandha tiġi intensifikata l-ħidma tal-aġenziji tal-UE dwar ir-rotta tal-Mediterran tal-Punent.
• Il-Kummissjoni u l-aġenziji tal-UE jenħtieġ li jaraw li ***l-interoperabbiltà*** bejn is-sistemi tal-fruntiera u tas-sigurtà tiġi żviluppati malajr, u implimentata, bl-ewwel elementi jkunu diġà qegħdin joperaw fl-2020.
• Jenħtieġ li l-Kunsill, wara li jikseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew, jikkonkludi malajr ***il-ftehimiet ta' status innegozjati mal-pajjiżi tal-Balkan tal-Punent*** u jiżgura l-implimentazzjoni immedjata.

3. UE li tipprovdi l-protezzjoni u l-ażil

L-immodernizzar tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil,

Il-Kummissjoni hija konvinta li l-UE hija kapaċi tirriforma s-sistema tagħha tal-ażil sabiex tkun tista' tipproteġi aħjar lill-migranti fil-bżonn u biex tipprovdilhom kundizzjonijiet deċenti, filwaqt li tibgħat lura lil dawk li ma għandhomx dritt li jibqgħu fl-Ewropa. Hemm bżonn li l-UE turi liċ-ċittadini tagħha li hija kapaċi toħloq u tħaddem sistema tal-ażil li tkun ġusta u tajba għall-iskop tagħha u li tkun tista', flimkien ma' miżuri aktar qawwija fil-fruntiera, tiġġestixxi kull żieda fil-pressjoni migratorja li jista' jkun hemm 'il quddiem. Il-fatt li l-wasliet irregolari niżlu għal-livelli ta' qabel il-kriżi ma jistax jaħbi n-nuqqasijiet li jeżistu u l-ħtieġa li s-sistema tal-ażil tkun irriformata b'mod komprensiv.

Hemm ħtieġa fundamentali li jkun hemm approċċ li jkun l-istess madwar l-UE kollha, Irid ikun ibbażat fuq garanziji qawwija li kull Stat Membru jipproċessa l-applikazzjonijiet ta' ażil li jkun responsabbli għalihom, kif ukoll li jkun hemm mekkaniżmu strutturat, u prevedibbli, ta' solidarjetà sabiex jiġi żgurat li l-ebda Stat Membru ma jsofri piż sproporzjonat. Is-sistema tal-ażil tal-UE tista' tkun effettiva bis-sħiħ, u tkun tista' tispira fiduċja, biss jekk din is-solidarjetà tkun sistematika pjuttost milli *ad hoc.* Dan jimxi id f'id ma' regoli ċari, sempliċi u komuni għal kif jiġu pproċessati t-talbiet għall-ażil, flimkien ma' evidenza bijometrika mtejba li tirfed l-implimentazzjoni tar-regoli u b'sostenn suffiċjenti operattiv u finanzjarju lill-Istati Membri.

Sakemm it-trattament ta' dawk li jkunu qegħdin ifittxu l-ażil ikun ivarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri, u sakemm ir-responsabbiltà tal-Istati Membri għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet tal-ażil tkun tista' timxi faċilment minn Stat Membru wieħed għall-ieħor, is-sistema tal-ażil tal-UE se tibqa' suxxettibbli li tiġi abbużata, li jsiru applikazzjonijiet multipli għall-ażil, u għall-movimenti sekondarja. Hemm il-bżonn ta' regoli aktar stretti kif ukoll ta' kriterji armonizzati għall-għoti tal-protezzjoni, kif ukoll għal kundizzjonijiet ġusti u ugwali għal dawk li jkunu qegħdin ifittxu l-ażil u għall-benefiċjarji madwar l-UE. Is-sistema tal-ażil tista' tkun kredibbli biss jekk dawk li jfittxu l-ażil, u li jkollhom it-talbiet tagħhom għall-ażil miċħuda, u li ma jkollhom l-ebda dritt aktar li jibqgħu fl-UE, jintbagħtu lura. Biex isir dan, hemm bżonn li tiġi stabbilita konnessjoni bla interruzzjoni bejn is-sistema tal-ażil u sistema effettiva ta' ritorn, fir-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali.

Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposti neċessarji kollha biex dan ikun jista' jinkiseb u hija tappoġġja b'mod qawwi li jkun hemm approċċ pass b'pass biex kull proposta titmexxa 'il quddiem. Illum, hemm il-possibbiltà realistika li jintlaħqu ftehimiet politiċi bbilanċjati dwar ħames proposti tar-riforma tal-ażil. Jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill issa jieħdu l-opportunità li jlestu l-proċess qabel ma jsiru l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u jagħtu prova liċ-ċittadini tal-ħila tal-UE li twettaq progress. Kif intqal mill-Kummissjoni f'Diċembru 2018,[41] kull waħda minn dawn il-proposti, waħdeha, hija ta' benefiċċju sostanzjali u ma hemm l-ebda xkiel tekniku jew legali kontra l-adozzjoni ta' xi waħda minnhom jew ta' diversi minnhom b'mod separat. Ir-Regolament dwar il-Kwalifiki jiggarantixxi d-drittijiet ta' refuġjati rikonoxxuti u jiskoraġġixxi l-movimenti sekondarji. Id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza wkoll tkun tista' tindirizza l-movimenti sekondarji billi jiġu ggarantiti kundizzjonijiet armonizzati u deċenti għal dawk li jfittxu l-ażil madwar l-UE kollha. Ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Ażil ikun jippermetti lill-Aġenzija tħaffef il-pass tal-assistenza tagħha lill-Istati Membri b'sostenn rapidu u b'sostenn sħiħ. Ir-regoli l-ġodda

[41] COM(2018) 798 finali tal-4.12.2018.

dwar il-bażi ta' *data* EURODAC ikunu jippermettu lill-Istati Membri jintraċċaw movimenti sekondarji u jidentifikaw aħjar lil dawk il-persuni li ma jkollhomx dritt li jgħixu fl-UE. Il-Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni jiżgura perkorsi siguri u legali, inaqqas il-flussi irregolari u jiffaċilita r-relazzjonijiet mas-sħab esterni tagħna. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem kemm mal-Parlament Ewropew kif ukoll mal-Kunsill biex timxi lejn it-tlestija ta' dan kollu.

Il-Kummissjoni qiegħda tkompli tissorvelja l-mod kif is-sistema preżenti tal-ażil tal-UE qiegħda tiġi applikata fl-Istati Membru tal-UE, inkluż billi teżamina n-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi l-istrumenti differenti tal-ażil.

Sostenn mill-UE għall-protezzjoni f'pajjiżi oħra

L-offerta ta' perkorsi siguri u ordnati lil dawk li l-aktar għandhom bżonnhom tirrifletti l-valuri tal-UE u tixpruna l-kredibbiltà ma' sħab minn pajjiżi terzi. Ir-risistemazzjoni toffri rotta sigura lejn l-Ewropa lil dawk li huma intitolati għall-protezzjoni internazzjonali. Taħt l-iskema preżenti ta' risistemazzjoni tal-UE, 20 Stat Membru impenjaw ruħhom li jipprovdu aktar minn 50 000 post lil dawk li huma l-aktar fil-bżonn sa Ottubru 2019. Aktar minn 24 000 minn dawn l-impenji diġà seħħew, bl-għoti ta' kenn lil persuni fl-UE. Pereżempju, ir-risistemazzjoni li għaddejja ta' aktar minn 2 000 persuna mil-Libja kienet ċentrali għall-ħila tal-UE li toffri protezzjoni li dawk fi bżonn akut, b'ħidma flimkien mal-Aġenzija tar-Refuġjati tan-NU, il-UNHCR, u l-awtoritajiet tan-Niġer. Issa, l-Istati Membri hemm bżonn li jżommu r-ritmu u jaraw li l-impenji li fadal jiġu implimentati qabel tgħaddi l-iskadenza ta' Ottubru.

Il-protezzjoni tar-refuġjati u l-migranti barra mill-UE kienet waħda mit-temi kruċjali tal-politika tal-UE sa mill-2015. Miljuni ta' nies ingħataw l-għajnuna permezz ta' skemi biex jiġu pprovduti bil-ħtiġijiet bażiċi u biex tittejjeb il-kwalità ta' ħajjet in-nes li kienu sfurzati jaħarbu minn żoni ta' kunflitt fil-pajjiżi tagħhom stess. B'mod partikolari, il-kriżi mġebbda fis-Sirja ħolqot ħtiġijiet umanitarji enormi għal aktar minn 13-il miljun persuna fil-pajjiż u 5,6 miljun f'pajjiżi ġirien.

- Is-sostenn tal-UE bil-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija tagħti sostenn lill-kompitu kbir li tingħata akkoljenza lil kważi 4 miljun refuġjat fit-Turkija. Sa tmiem l-2018, l-assistenza umanitarja kienet ta' għajnuna lil 1,5 miljun fost l-aktar refuġjati vulnerabbli permezz tas-Sistema ta' Protezzjoni Soċjali ta' Emerġenza, skema ta' protezzjoni soċjali b'assistenza soċjali, u tat sostenn lil aktar minn 410 000 tifel u tifla biex ikunu jistgħu jattendu l-iskola[42]. 600 000 tifel u tifla oħra ngħataw għajnuna biex ikunu jistgħu jintegraw fis-sistema skolastika tat-Turkija. Ingħata sostenn għal erba' miljun viżta ta' kura primarja tas-saħħa u tlaqqmu aktar minn 500 000 tifel u tifla Sirjani. Issa ġew impenjati EUR 1,2 biljun mit-tieni parti tal-EUR 3 biljun.
- Fl-2018, l-UE għamlet segwitu tal-impenn tagħha fil-Konferenza Brussell II dwar l-Appoġġ lis-Sirja u r-Reġjun, biex is-sostenn totali mill-UE u l-Istati Membri tagħha mill-bidu tal-kriżi tela' għal EUR 17-il biljun, b'mod li l-UE saret l-akbar donatur. Barra milli fit-Turkija, l-UE pprovdiet sostenn umanitarju sostanzjali lil persuni spostjati internament fis-Sirja, kif ukoll lil refuġjati u komumitajiet ospitanti fil-Ġordan u l-Libanu, kif ukoll tat għajnuna fl-Iraq u fl-Eġittu. Kollox ma' kollox, il-Fond fiduċjarju reġjonali tal-UE b'reazzjoni għall-kriżi Sirjana ta sostenn lil madwar żewġ (2) miljun refuġjati Sirjani, u

[42] Il-Programm tat-Trasferiment Kondizzjonali tal-Flus għall-Edukazzjoni (CCTE).

komunitajiet ospitanti fl-2018[43]. Il-Konferenza Brussell III li ġejja li se tkun l-avveniment ewlieni għall-2019 ta' tqegħid ta' impenji bħala reazzjoni għall-kriżi Sirjana, u l-UE jeħtieġilha ssostni l-impenn tal-UE li sar fl-aħħar snin.

– Il-Programmi Reġjonali ta' Żvilupp u Protezzjoni ffukati fuq l-Afrika ta' Fuq u l-Qarn tal-Afrika jsostnu pajjiżi terzi li jilqgħu għadd kbir ta' refuġjati biex ikunu jistgħu jindirizzaw il-ħtiġijiet tagħhom ta' protezzjoni u żvilupp[44].

– Il-protezzjoni hija tema ċentrali wkoll tal-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika, li tikkumplimenta l-għajnuna umanitarja, li tipprovdi għall-ħtiġijiet bażiki ta' dawk li jiġu spostjati bil-forza. Hekk kif hemm aktar minn erba' (4) miljun refuġjati fir-reġjun tal-Qarn waħdu, kif ukoll madwar 10 miljun persuna spostjata bil-forza, il-Fond Fiduċjarju investa fl-assistenza lill-popolazzjonijiet ta' refuġjati sabiex dawn jsiru awtosuffiċjenti, filwaqt li ta sostenn lill-komunitajiet ospitanti. Qiegħda tingħata attenzjoni partikolari, fi ħdan il-finanzjament tal-Fond Fiduċjarju, għall-promozzjoni tal-istabilizzazzjoni essenzjali fis-Somalja u s-Sudan.

L-isputament bil-forza huwa fenomenu globali li jirrekjedi soluzzjonijiet globali. Sistemi tal-ażil li jkunu jaħdmu tajjeb huma kruċjali, f'pajjiżi terzi sħab daqs kemm huma fl-UE. L-UE jenħtieġ li tuża l-impetu mill-Patt Globali dwar ir-Refuġjati bħala pjattaforma biex ikompli jintuża l-qafas tal-UE eżistenti biex tingħata għajnuna lil pajjiżi terzi biex jipprovdu sostenn lir-refuġjati 'il barra mill-UE.

Il-passi kruċjali li jmiss
• Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jenħtieġ li jadottaw ***il-qafas leġiżlattiv il-ġdid*** meħtieġ biex tiġi stabbilita Sistema ta' Ażil Komuni Ewropea, li tkun tista' tilqa' għall-isfidi tal-futur. Dawk il-proposti li waslu biex jiġu finalizzati jenħtieġ li jiġu adottati qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. • L-Istati Membri jenħtieġ li jaraw li jitwettqu 50 000 impenn ta' ***risistemazzjoni*** sakemm tagħlaq l-iskadenza ta' Ottubru 2019. • L-UE u l-Istati Membri għandhom iżommu s-sostenn essenzjali għall-***protezzjoni tar-rifuġjati u l-migranti f'pajjiżi terzi***, inkluż li jerġgħu jagħmlu l-impenji li kienu għamlu qabel fil-Konferenza Brussell III dwar is-Sirja.

4. *Migrazzjoni u integrazzjoni legali*

Il-perkorsi legali huma element essenzjali tal-ġestjoni tal-migrazzjoni tal-UE, bħala diżinċentiv kontra l-użu ta' rotot irregolari, kif ukoll bħala turija tal-impenn tal-UE lejn sħubijiet ġenwini għat-tul. Huma wkoll essenzjali għall-UE biex tkun tista' tissodisfa l-ħtiġijiet preżenti u futuri tal-ħiliet. Il-migrazzjoni legali sseħħ fi ħdan qafas legali tal-UE żviluppat tajjeb fejn jidħlu l-kundizzjonijiet ta' dħul, fuq proċeduri u drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, bl-Istati Membri li jkunu responsabbli biex jiddeċiedu dwar kemm ċittadini minn pajjiżi terzi jiddaħħlu għal skopijiet ekonomiċi. Madankollu bħalissa ma jistax isir aktar progress dwar il-proposta l-aktar sinifikanti f'dan il-qasam, li hija reviżjoni tad-Direttiva tal-Karta l-Blù. Il-Kummissjoni sejra dalwaqt tippreżenta r-riżultati ta' evalwazzjoni

[43] Il-Fond Fiduċjarju laħaq EUR 1,6 miljun sa tmiem l-2018, sostnut minn 22 Stat Membru u mit-Turkija, kif ukoll mill-baġit tal-UE. Ġie impenjat 94%, 74% ġie kkuntrattat u ġew żborżati EUR 690 miljun. Evalwazzjoni strateġika ta' nofs il-perjodu rrakkomandat li l-Fond Fiduċjarju tal-UE jiġi estiż lil hinn mill-mandat tiegħu ta' Diċembru 2019.

[44] Iffinanzjati mill-Fond għall-Azil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni. Sa mill-2015, saru disponibbli madwar EUR 37 miljun għal proġetti iffukati fuq il-protezzjoni fl-Afrika ta' Fuq u EUR 27,5 fil-Qarn tal-Afrika.

komprensiva ("kontroll ta' idoneità") tal-qafas regolatorju tal-migrazzjoni legali, għal aktar konsultazzjoni.

Intant, għaddejjin diversi proġett dwar il-migrazzjoni tal-ħaddiema, jew jinsabu fi stadju ta' tħejjija. Dawn huma element importanti biex titwitta t-triq għal approċċ ġdid lejn il-migrazzjoni legali. Tali proġetti pilota jistgħu jittestjaw u jistabbilixxu strutturi u approċċi ġodda ta' ġestjoni tal-migrazzjoni legali b'mod aktar effettiv ma' pajjiżi sħab kruċnali. Hemm proġetti li jinvolvu l-Belġju u l-Litwanja, il-Marokk u n-Niġerja li jikkumbinaw l-indirizzar ta' nuqqasijiet fil-ħiliet fis-settur tal-IT mar-reintegrazzjoni potenzjali fi tmiem il-proġett. Qegħdin jiġu evalwati proposti ulterjuri għal proġetti ta' kooperazzjoni minn Spanja u Franza għal kooperazzjoni ma' pajjizi fl-Afrika ta' Fuq. Dawn il-proġetti speċifiċi huma b'żieda ma' programm reġjonali dwar il-migrazzjoni legali li jinvolvi l-Ġermanja fi skemi ta' mobbilta ma' pajjiżi magħżula fl-Afrika ta' Fuq, li ġie adottat f'Diċembru 2018.

L-integrazzjoni hija pass kruċjali fil-proċess tal-migrazzjoni, sabiex jiġi żgurat li l-ħiliet u l-kompetenzi ta' dawk li jkollhom id-dritt li jibqgħu jkunu utilizzati u żviluppati għall-benefiċċju ta' kulħadd, iżda wkoll biex jiġi żgurati li jkollna soċjetajiet inklussivi u koeżivi. L-integrazzjoni b'suċċess ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin jirreżjedu legalment hija għalhekk ta' importanza kruċjali biex il-migrazzjoni tkun tista' taħdem sew ekonomikament kif ukoll soċjalment – meta wieħed jiftakar fid-diskrepanzi fir-riżultati bejn ċittadini ta' pajjiżi terzi u ċittadini tal-UE fejn jidħlu l-impieg, il-faqar u l-aċċess għal servizzi kruċjali bħal ma huma l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa. L-appoġġ tal-integrazzjoni ta' ċittadini minn pajjiżi terzi li jkunu qegħdin jirreżjedu legalment u ta' nies bi sfond ta' migrazzjoni huwa punt fokali tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali propost għall-2021-2027[45]. Azzjonijiet li jkunu ġeneralment iċċentrati fuq il-fażijiet bikrija tal-integrazzjoni jkunu jinkludu taħriġ bażiku fil-lingwa, orjentazzjoni ċivika u ċentri fejn wieħed ikun jista' jikseb pariri[46]. Tipi oħra ta' miżuri jkunu jkopru integrazzjoni aktar sistematika fis-suq tax-xogħol[47] u l-inklużjoni soċjali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u ta' nies bi sfond ta' migrazzjoni[48].

Aspett importanti ieħor huwa l-prevenzjoni tal-esplojtazzjoni tal-ħaddiema u l-ġlieda kontriha, li jservi wkoll bħala fattur ta' attrazzjoni għall-migrazzjoni irregolari. Il-leġiżlazzjoni tal-UE tipprojbixxi l-impieg ta' ċittadini ta' pajjizi terzi li jkunu jinsabu jgħixu fl-UE b'mod irregolari, inkluż dawk suġġetti għal kundizzjonijiet ta' xogħol esplojtattivi, u titlob li jiġu rispettati standards minimi għall-prevenzjoni, l-iskoperta u s-sanzjoni tal-ksur.

Il-passi kruċjali li jmiss
• Il-Kummissjoni se tlesti l-evalwazzjoni komprensiva ("***kontroll ta' idoneità***") tal-qafas regolatorju komprensiv eżistenti tal-migrazzjoni legali u tniedi konsultazzjoni fost il-partijiet interessati dwar ir-riżultati tagħha. • L-Istati Membri b'sostenn mill-UE jenħtieġ li jħaffu l-pass tal-***proġetti pilota dwar il-***

[45] Il-proposta tal-Kummissjoni tintroduċi dispożizzjonijiet komuni għal seba' fondi, li għandha għax tiżgura sinerġiji aħjar u għalhekk aktar effiċjenza fl-indirizzar tal-integrazzjoni ta' ċittadini minn pajjiżi terzi li jkunu qegħdin jirreżjedu legalment u ta' nies bi sfond ta' migrazzjoni.

[46] L-aktar taħt il-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni. Azzjonijiet oħra jkunu jinkludu l-assistenza f'oqsma bħal ma huma l-akkomodazzjoni soċjali, il-kura tas-saħħa u azzjonijiet li jippromwovu l-interazzjoni ma' soċjetajiet ospitanti.

[47] Dan jinkludi taħriġ lingwistiku bbażat fuq il-post tax-xogħol, l-edukazzjoni vokazzjonali u programmi ta' taħriġ, azzjonijiet għas-sostenn lil dawk li jaħdmu għal rashom, il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, l-inklużjoni soċjali, eċċ, skont l-objettivi speċifiċi mfissra fil-proposta għal regolament dwar il-Fond Soċjali Ewropew+.

[48] Notevolment permezz tat-twarrib ta' 25% propost għall-inklużjoni soċjali skont il-Fond Soċjali Ewropew+. Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali jista' wkoll jipprovdi sostenn għall-investimenti f'faċilitajiet ġodda ta' akkoljenza u akkomodazzjoni soċjali, kif ukoll fir-riġenerazzjoni ta' oqsma urbani u rurali li jkunu waqgħu lura.

migrazzjoni legali permezz ta' aktar sostenn għal proġetti ġodda u l-ħolqien ta' sinerġiji bejn il-proġetti eżistenti tal-Istati Membri.

- Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jenħtieġ li jaraw li jkun hemm appoġġ għal ***miżuri ta' integrazzjoni fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss***.
- Jenħtieġ li l-UE tuża l-opportunità tal-programmi ġodda ta' finanzjament biex ittejjeb il-koordinazzjoni, it-tlaqqigħ tal-ħiliet u s-sorveljanza mtejba tal-***miżuri ta' integrazzjoni*** implimentata madwar l-Istati Membri.

V. KONKLUŻJONI

Żieda kostanti fil-pressjoni migratorja u r-riskju tal-instabbiltà lil hinn mill-fruntieri tal-UE se jżommu l-migrazzjoni fuq nett fost l-isfidi li għandha quddiemha l-UE. Huwa għalhekk li huwa essenzjali li l-UE jkollha l-għodda li għandha bżonn fis-snin li ġejjin. sħubija profonda ma' pajjiżi tal-oriġini u ta' tranżitu, ir-riżorsi finanzjarji meħtieġa kif ukoll qafas leġiżlattiv u kapaċità operattiv li tassew ikunu jirriflettu l-bilanċ bejn is-solidarjetà u r-responsabbiltà, li għandhom ikunu fil-qalba tal-approċċ komprensiv tal-UE. Fil-fehma tal-Kummissjoni, l-adozzjoni tal-proposti tagħha ta' riforma tas-Sistema ta' Ażil Komuni Ewropea u ta' titjib tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntieri u tal-Kosta, kif ukoll l-iżgurar ta' finanzjar suffiċjenti fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss – bl-istess livell ta' ambizzjoni – hija t-triq 'il quddiem it-tajba biex l-UE tkun tista' tilħaq l-isfida.

Huwa indispensabbli jkun hemm hemm aproċċ komprensiv – li tiġi milqugħa l-azzjoni ma' sħab barra mill-UE, fil-fruntiera esterna, u ġewwa l-UE. Tezisti korrelazzjoni ċara bejn politiki qawwija dwar il-fruntieri u l-migrazzjoni u l-ħila tagħna li nippreservaw il-benefiċċji taż-żona Schengen. Bħalissa, sitt Stati ta' Schengen qegħdin jagħmlu kontrolli fil-fruntiera[49]. Il-Kummissjoni stabbiliet kif tista' tiġi intensifikata s-sigurtà permezz ta' kontrolli proporzjonati mill-pulizija u b'kooperazzjoni, mingħajr il-ħtieġa ta' kontrolli mal-fruntiera, u pproponiet tibdil għar-regoli dwar ir-reintroduzzjoni ta' kontrolli fuq il-fruntiera fil-fruntieri interni[50]. Fil-kunsiderazzjoni tal-isforzi kollha li saru fit-tisħiħ tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni, u fil-kunsiderazzjoni tat-tnaqqis fil-wasliet irregolari, wasal iż-żmien li tingħata ħarsa lejn is-sitwazzjoni bil-possibbilta li jitneħħew il-kontrolli fil-fruntieri interni u terġa' tibda topera ż-żona ta' Schengen fil-milja tagħha.

L-erba' snin mindu ġiet adottata l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni urew li s-sitwazzjoni titlob li jkun hemm azzjoni determinata kontinwa madwar il-firxa kollha tal-approċċ komprensiv. Il-lezzjoni hija li l-azzjoni unita u l-isforzi konġunti mill-Istati Membri u mill-UE, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' sħab lil hinn mill-UE, kisbu r-riżultati u huma l-uniku mod kif tinkiseb ġestjoni aħjar tal-migrazzjoni u sabiex jiġi żgurat li l-valuri tal-UE jibqgħu il-pedament tal-politika tagħna dwar il-migrazzjoni. Dan huwa dak li ċ-ċittadini tal-UE jistennew mill-Unjoni Ewropea.

[49] L-Awstrija, il-Ġermanja, id-Danimarka, l-Iżvezja u n-Norveġja minħabba raġunijiet marbuta mal-kriżi tal-migrazzjoni u movimenti sekondarji; Franza, l-aktar minħabba theddid terroristiku.

[50] C(2017) 3349 finali tat-12.5.2017 u C(2017) 6560 finali tas-27.9.2017, u COM(2017) 571 finali tas-27.9.2017.